# KUNSILL LOKALI KALKARA
# KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

8 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 7.19

It-Tnejn 1 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina – Sindku
Vince Bongailas – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop- Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

7.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ma kienx hemm***

7.2 **Ġurament tal-Ħatra :**

Dan il-punt ġie inkluż f'seduta formali li saret qabel din, skedata fl-istess ġurnata hekk kif qabel il-Kunsill unanimament.

Il-minuti tal-ħatra tal–Ġurament ser ikunu approvati ma' dawn il-minuti ippreżentati hawn isfel normali fid-seduta li jmiss. Kif isir dan kollox ser ikun uploaded fuq il-web page tal-kunsill hekk skond il-liġi u bil-proċedura normali ta' kull laqgħa formali tal-kunsill ta' kull xahar.

7.3 – Introduzzjoni mis-Sindku ġdid is –Sur Wayne Aquilina

Is-Sur wayne aquilina is sindku gdid elett beda bintroduzzjoni ta hajr lejn il Kunsill preċedent fejn fil-fehma tiegħu tagħha l-aħjar lill-lokal tal-Kalkara u lill-Kalkariżi pero' tenna u sostna li wieħed dejjem ikollu fejn jitjieb u jirranġa.

Is-Sur Sindku kompla jgħid li din hija l-ewwel esperjenza tiegħu fejn jirringrazzja bis-sħiħ il-poplu Kalkariż talli ogħgbu jagħżel lilu biex imexxi lokal tant għal qalbu. Iħossu onorat ferm u obbligat li jirringrazzja u jirrikonoxxi lis-Sindki kollha preċedenti ta' dan l-istess Kunsill inkluż il-kunsilliera u l-istaff li tant ħadmu / qed jaħdmu għal ġid tal-komunita' Kalkariża.

Is-Sur Aquilina qal illi din hija paġna ġdida għal Kunsill Lokali Kalkara fejn hu ser ikun qed jagħmel l-aħjar li jista' biex iwettaq il-manifest taż-żewġ partiti

politiċi. Barra l-manifesti politiċi huwa ċert u qiegħed jikkonferma li ser ikun hemm żieda ta' proġetti biex b'hekk fil-ħames snin li ġejjin il-Kalkara tgawdi mill-aħjar mod possibli l-ħidma ta' Kunsill ġdid.

Is-Sur Aquilina sostna illi rrilevanti mill-kuluri politiċi l-Kunsill irid jiġbed ħabel wieħed irrilevanti minn kemm inġibu voti u kif persuna ġiet eletta. Huwa saħaq illi mhux dejjem ser ikun hemm qbil pero wieħed għandu jiddiskuti u xi kultant iva jbaxxi rasu għal dak li hu l-aħjar għall-Aqwa Kalkara anka jekk imur kontra l-prinċipji personali tiegħu / ta xi kunsillier partikolari.

Il-Kunsill qabel mal-punti imsemmijin hawn fuq mis-Sindku elett ġdid kif ukoll awgurawlu għal kisba tiegħu bħala Sindku tal-Kalkara.

7.4 Tqassim ta' Dekasteri :

Is-Sindku saħaq illi d-dekasteri ġew imqassmin hekk kif hu jaħseb li hu l-aħjar għal kull kunsillier elett pero ma jeskludix il-fatt illi minn żmien għal żmien dawn jistgħu jinbiddlu speċjalment jekk il-persuna li ser tkun responssabli minn tasks partikolari ma tkunx qed tagħti l-għalmu tagħha / taħdem biżżejjed.

Id-dekasteri huma wkoll imqassmin u ibbażati skond r-riforma tal-liġi tal-gvern lokali li daħħlet fis-seħħ aktar kmieni fis-sena 2019

Is-Sur Sindku għamel enfażi u kien ċar illi d-dekasteri kollha mogħtija li jaqgħu taħt l-amministrazzjoni tal-Kunsill ghandom dejjem jigiu diskussi mas seg ezek u mhux ma listaff ta listess Kunsill ħabba raġunijiet ovvji u ħabba raġunijiet ta' konformita fix-xogħol u rispett lejn l-istess Segretarju Eżekkutiv.

Dekasteri imqassma :

<u>Is-Sindku, is-Sur Wayne Aquilina, responsabbli minn:</u>

1. Ir-Reġjun Xlokk
2. Relazzjonijiet Pubbliċi ( bħal xandir, midja soċjali u publikazzjonijiet )ż
3. Identita' korporattiva ( kull ħaġa li tidher quddiem il-pubbliku )
4. Proġetti kapitali
5. Xogħolijiet ta' infrastruttura
6. Attivitajiet ġenerali ( inkluż Jum il-Kalkara )
7. Kultura u storja
8. Qasam Soċjali u l-persuni vulnerabbli
9. Innovazzjoni u tekonoloġija
10. L-Ambjent, l-indafa u żamma tal-lokal
11. Fondi Ewropej u oħrajn

12. Turiżmu

Il-Viċi Sindku, is-Sur Vincent Bongailas, responsabbli minn:

1. Jattendi f'laqgħat, seminars u attivitajiet ġenerali fin-nuqqas tas-Sindku
2. Xogħolijiet ta' manutenzjoni
3. Enerġija
4. Żgħażagħ
5. Sports, taħriġ u fiżika
6. Korsijiet u attivitajiet sportivi
7. Annimali: Drittijiet, attivitajiet u ideat
8. Żoni ta' Santu Rokku u Smart City

Il-Kunsilliera, is-Sinjura Maria Sultana, responsabbli minn:

1. Edukazzjoni u librerija pubblika
2. Korsijiet u attivitajiet edukattivi
3. Tfal: Attivitajiet, drittijiet u s-sehem dirett tagħhom
4. Karrieri
5. Drittijiet taċ-ċittadini

Il-Kunsilliera, is-Sinjura Speranza Chircop, responsabbli minn:

1. Anzjani u persuni b'diżabilta'
2. Korsijiet u attivitajiet ta' rikreazzjoni
3. Trasport
4. Rappreżentanta tar-Reġjun Xlokk fin-nuqqas tas-Sindku
5. Rappreżentanta tal-Fondazzjoni Gal Xlokk fin-nuqqas tas-Sindku

Il-Kunsillier, is-Sur Christopher Bruno, responsabbli minn:

1. Għaqdiet u l-kommunita'
2. Saħħa
3. Korsijiet, attivitajiet u laqgħat dwar saħħa
4. Negozji
5. Integrazzjoni soċjali

## 7.5 Korrespondenza

A Is-Seg Eżek ippreżentat il-'financial quarterly report' iffinalizat mill-accountant tal-Kunsill bħas-soltu lill-Kunsill kollhu biex jiġi approvat hekk kif filfatt ġara biex ikun jista' jitella minnufih fuq il-web page tal-Kunsill bħas-soltu.

B. L-assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali bagħtu ċirkulari lill-kunsilli kollha biex jittieħdu inizzjattivi favur l-ghotja tad-demm fil-lokalitajiet rispettivi waqt xi attivita' partikolari jew saħansitra tinħoloq attivita' f'dan ir-rigward.

Din iċ-ċirkolari ser tkun qed tintbgħat lis-Sur Bruno minħabba l-fatt li għadu kif ingħata d-dekasteru tas-saħħa biex b'hekk ikun jista' jikkordina xi ħaġa minn naħa tiegħu. Fl-istess ħin is-Sur Sindku kif ukoll is-Sinjura Maria Sultana offrew l-għajnuna tagħhom f'din il-kwistjoni minħabba n-natura tan-nies konoxxenti tagħhom li jistgħu jgħinuh kif ukoll minħabba l-fatt illi għas-Sur Bruno l-ewwel darba li ingħata r-responsabbilta' tas-saħħa.

c. Is-Seg Eżek ippreżentat riklam mingħand kumpanija bl-isem Alka Ceramics Limited fejn qed joffru korsijiet ta' pottery li jistgħu jiġu mogħtija fil-lokalitajiet għal min hu ovjament interessat.
Is-Sinjura Sultana kif ukoll is-Sinjura Chircop talbu lis-Seg Eżek iġġib iktar informazzjoni fuq dan il-kors biex b'hekk ikunu jistgħu jikkordinaw korsijiet għal etajiet differenti aktar tard għas-sena 2019. Din il-komunikazzjoni ser tkun qed tintbgħat lilhom bħala informazzjoni u referenza sa ma tinġieb aktar informazzjoni.

d. Is-Seg Eżek uriet ritratti tal-area tal-bajja tar-rinella fejn minn dejjem kienet dejjem tingħalaq b'xi tip ta' katnazz, bollards barriers biex l-area tas-simenta tingħalaq b'mod sigur minħabba li din l-akkwata tista' tiġi mifhmuma ħażin u wieħed li mhux mill-akkwata jaħsiba triq li fil-verita' karozza tista' taqa' faċilment għal ġol baħar allavolja hemm it-tabelli li juruk dan spjegat hawn fuq.

Wara diskussjoni bejn il-Kunsill intlaħaq qbil unanimu illi hemm bżonn li l-awtoritajiet involuti fil-Bajja ta' Rinella għandom ilkoll jkunu infurmati b'dak li qiegħed jiġri dan il-għaliex ma' jistax ikun li l-Kunsill kważi kuljum hekk kif ikkonfermat is-Seg Eżek jitweħħel katnazz u katina ġdida u tiġi maqtuwha minn nies li jkunu jridu jidħlu fiż-żona bil-karozzi għal konvenjenza tagħhom. Fl-istess ħin l-istess Kunsill saħaq illi l-bajja ta' Rinella lanqas taqa' taħt ir-responssabilta' assoluta tal-Kunsill b'hekk tajjeb li wieħed jieħu parir mingħand persuna teknika li trid iżżomm dejjem f'moħħha li jsir xi sir ħabba sigurta' ż-żona trid tkun aċċessibli għal kull tip ta' emerġenza li tista' tinqala.

e. Is-Seg Eżek spjegat sitwazzjoni li ġiet mgħarrfa biha mingħand l-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara aktar kmieni dan ix-xahar fejn il-planning authority kellha deadline stipulata fuq bicca art li tinsab ġewwa l-lokal tal-Kalkara fuq pjan ta' żvilupp biex bniedem ikun jista' jagħmel l-oġġezzjonijiet tiegħu.

Sfortunatament u għal xi raġuni jew oħra l-Kunsill ma ġiex mgħarraf bħas-soltu mingħand din l-istess awtorita' u l-Kunsill ġie mgħarraf b'permezz ta' telefonata mis-Segretarju tal-istess assoċċjazzjoni.

Biex il-punt ikun miktub ċar l-oġġezzjoni tal-Kunsill flimkien ma' ta' l-assoċċjazzjoni m'huwiex fuq li jsir l-iżvilupp ta' din l-art pero' huwa wieħed biex jissalvagwardja Wirt Storika ta' għerien li jinsabu f'din l-istess biċċa art li inxtrat mingħand il-privat. Dawn għandom jiġu kkonservati bħal Wirt Storiku fil-lokal hekk kif inhu xieraq u skond il-liġi.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tinbgħat email formali lill-'planning authority' avolja għalqet id-deadline tas-sottomissjonijiet biex il-Kunsill ikun parti bi sħiħ tal-materja imsemmija hawn fuq.

F. Is-Seg Eżek reġgħet qajjmet punt li kien ilu jiġi diskuss minn Kunsill preċedent rigward fondi biex isir proġett favur il-qtates ta' barra fil-lokal tal-Kalkara. Hija qalet illi tifhem li dan mhux l-aħjar żmien biex jittieħdu ċertu deċiżjonijiet pero' d-deadline tas-submission hija dik li hi u għandha bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill biex hi tkun tista' tibgħat l-applikazzjoni diġa' diskussa mill-Kunsill preċedenti biex inkunu fiċ-ċans li nieħdu xi tip ta' fondi biex tittranġa għal aħjar area li diġa' tintuża mill-cat feeders tal-lokal biex jitimaw qtates ta' barra.

Is-Seg Eżek saħħqet ukoll illi hi fid-dover tinforma l-Kunsill illi t-20 percent ta' fondi li m'humiex ħa jingħataw lill-Kunsill la darba tgħaddi l-application, m'humiex budgeted mill-Kunsill u dan ser ikun qed jirrifletti mmaniġjar ħażin ta' fondi tal-istess Kunsill fuq proġett li ma kienx ippjanat mill-bidu tas-sena.

Il-Kunsill qabel unanimament illi la darba jintrebħu dawn il-fondi tajjeb li wieħed jipprova jsib alternattiva biex il-kumplament tal-fondi ma jkunux ta' detterent fuq il-kwistjoni preċedenti tal-istess Kunsill fl-istess ħin jekk l-applikazzjoni ma' tiġix milqugħa mill-awtorita' kkonċernata tajjeb li din l-akkwata tiġi ppjanata għal ittranġar fis-snin li ġejjin minn fondi diretti tal-istess Kunsill la darba ikun hemm cans li tista' ssir speċjalment mill-għatt finanzjarju minħabba raġunijiet ovvji.

G. Is-Sur Aquilina qajjem punt li fil-preżent qed iqajjem miegħu ħafna diskussjonijiet saħansitra anka fuq il-midja soċjali.

Aktar kmieni dan ix-xahar is-Seg Eżek bagħtet email iż-żewġ għaqdiet ta' banda fil-lokal biex tinfurmahom li l-Kunsill daħal f'commitment illi ma jintużawx bżieżaq f'attivitajiet, marċi u dak kollu li jista' jkun organizzat minħabba raġunijiet ambjentali.

L-istess Sindku saħaq illi din il-materja għandha tintbgħat ukoll għal informazzjoni ta' kull organizzazzjoni fil-lokal u mhux il-każini biss, pero' tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu illi l-Kunsill ma jistax jikkmanda fuq din il-materja dan il-għaliex kif ser isir l-infurzar fil-verita?. Huwa kompli jisħaq illi la l-Kunsill daħal f'commitment bħal dan tajjeb li jibqa' jenfasizza u jsostni l-punt tiegħu ma' kulhadd imma fl-aħħar mill-aħħar kulħadd għandu dritt jagħmel li jrid u li din m'hijiex kwistjoni obbligatorja jew ksur ta' xi liġi partikolari jekk wieħed jiddeċiedi li juża l-bżieżaq ġo attivita'.

Is-Sur Wayne Aquilina rringrazzja bi sħiħ liż-żewġ għaqdiet talli dawn ikkonfermaw anke fuq il-midja soċjali illi ser ikunu qiegħedin jilqaw it-talba tal-Kunsill u jikkoperaw billi ma' jintużawx l-ebda tip ta' bżieżaq waqt il-marċi u l-attivitajiet diġa' skedati fil-lokal għal ġimgħa tal-festa.

h. Is-Sur Chris Bruno xtaq jgħaddi punt allavolja ma kienx imniżżel fuq l-agenda ta' din is-seduta.

Huwa saħaq illi għandha tiġi rreveduta deċiżjoni li ħa Kunsill preċedent fuq kontinwazzjoni tal-leġislatura ta' qabel terġa' u tgħid fuq li tittieħed id-devoluzzjoni tal-garaxxijiet biswit il-Kunsill biex tittella' l-berġa u l-librerija tal-istess Kunsill li fil-preżent qeda San Mikiel. Huwa sostna illi wieħed jista' jsib opzzjonijiet oħra milli jieħu dawn iż-żewġ garaxxijiet la darba jiġu approvati u jitħallew għal min veru għandu bżonnom jiġifieri każin partikolari ta' lokal li għandu problema fil-preżent.

Is-Sur Sindku talab lis-Seg Eżek tagħti l-opinjoni tagħha rigward dan il-punt li tqajjem li fil-fehma tiegħu ma kienx wieħed prudenti li jiġi diskuss waqt din l-ewwel seduta ta' Kunsill ġdid aktar u aktar meta hu kien l-unika persuna eletta ġdida mill-kumplament tal-Kunsill.

Is-Seg Eżek saħqet illi dan huwa punt li għandu jiġi diskuss għalih madwar mejda minħabba l-fatt li ilu jiġi diskuss għal dawn l-aħħar 6 snin u mhux opportune illi l-istess diskussjoni tiġi diskussa f'nofsija waqt seduta normali ħabba li żgur li ser iqajjem punti u kwistjonijiet li jieħdu fit-tul aktar minn hekk. Fl-istess ħin is- Seg Eżek saħħqet illi tajjeb li kull kunsillier jiġi preparat bl-informazzjoni li għandu fuq din il-kwistjoni inkluża hi biex b'hekk is-Sur Sindku Wayne Aquilina jiġi mgħarraf fuq din il-kwistjoni tant importanti.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-opinjoni tas-Seg Eżek u ser tiġi diskussa din il-materja aktar l-quddiem hekk kif is-Sindku jkollu brief ċara ta' dak li ġara sa issa fuq l-istess kwistjoni.

i. Is-Sur Wayne Aquilina reġa' fakkar il-Kunsill kollu rigward avveniment li huwa laqa b'idu miftuħa fuq suġġeriment ta' żewġ kunsilliera eletti biex jingħaqad il-Kunsill kollu għal quddiesa li ser isir nhar is-Sibt 6 ta' Lulju ġewwa l-Knisja parrokjali tal-Kalkara bħal bidu ewlieni għal Kunsill ġdid elett.

Is-Sur Aquilina tenna illi hu flimkien mas-Seg Eżek hekk kif inhi kienet diġa' ibbrifjatu illi attivitajiet iridu jkunu dejjem skedati minn qabel biex wieħed ma jkollux problema wara ta' finanzi mhux maħsuba speċjalment ħabba kwistjonijiet ta' awditjar huwa kkonferma u saħaq illi minn naħa tiegħu ser ikun qiegħed inaqqas ħafna mill-budget tal-preżent skedat f'affarijiet li fil-fehma tiegħu l-Kunsill jista' joqgħod mingħajrom u jiġu trasferiti fuq festini żgħar bħal dawn fejn il-Kunsill jibqa' viċin il-poplu tal-lokal u jkollu l-opportunita' jiltaqa' ma' nies differenti b'mod soċjevoli u inqas formali minn meta bniedem jiġi jilmenta jew jinqeda fl-uffiċini tal-Kunsill.

Is-Sur Sindku għamel enfażi illi dawn l-attivitajiet żgħar jagħmlu ġid lill-komunita kif ukoll ġid il-Kunsill biex ikollu viżjoni ċara ta' dak li jridu n-nies jew saħansitra tittranġa r-relazzjoni bejn il-Kunsill u r-residenti tal-lokal stess.

7.6 Mozzjonijiet :

Mhux applikabbli għal din is-seduta peress li hija kkunsidrata bħala l-ewwel waħda formali wara l-ħatra tal-ġurament

**7.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

7.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Hamis l-1 ta' Awwissu 2019 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis 7:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 1 ta' Lulju 2019

**IFFIRMATA**

Wayne Aquilina
Sindku

**IFFIRMATA**

Elaine Caruana
Segretarju Eżekuttiv